**Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001**

(2011/C 93/07)

**Għajnuna Nru:** SA.31968 (2010/XA)

**Stati Membri:** Il-Pajjiżi l-Baxxi

**Reġjun:** —

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Investeringen op het terrein van energiebesparing (onderdeel van Regeling LNV-subsidies)

**Bażi legali:**

Kaderwet LNV-subsidies: artikelen 2, 4 en 7

Regeling LNV-subsidies: artikelen 1:16, vierde lid, 2:1a, 2:2, 2:37, 2:40, vierde lid, 2:41, onderdeel d

Regeling LNV-subsidies: „Bijlage 2. Bijlage bij de artikelen 2:37, eerste lid, 2:38 en 2:40, vierde lid", en „Hoofdstuk 1. Investeringen op het terrein van energiebesparing"

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:**

2011: EUR 10 miljun

2012: EUR 10 miljun

2013: EUR 10 miljun

**Intensità massima tal-għajnuna:** 40 % tal-investimenti eliġibbli

**Data tal-implimentazzjoni:** Mill-1 ta' Jannar 2011

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:**

Għan primarju: L-appoġġ lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-industrija tal-biedja involuti fl-attivitajiet ta' produzzjoni primarja. Għan sekondarju: il-preservazzjoni u t-titjib tal-ambjent. L-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006, b'mod partikolari l-paragrafi 2(b) u 3(d).

**Settur jew setturi benefiċjarji:** L-ażjendi agrikoli, b'mod partikolari l-azjendi tal-ortikultura tas-serer

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

De staatssecretaris van Economische Zaken, Landbouw en Innovatie
Postbus 20401
2500 EK Den Haag
NEDERLAND

**Indirizz tal-Internet:**

http://wetten.overheid.nl/zoeken/

**Informazzjoni oħra:**

L-Investiment fl-Iskema għall-Iffrankar tal-Enerġija (IRE) riċentement ġie rreġistrat fl-ambitu tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 taħt in tal-Għajnuna XA 38/07 għall-perjodu 2007-2010. Peress li l-għan hu li jingħataw sussidji fl-2011, 2012 u 2013, l-iskema qed tiġi rreġistrata għal darba oħra skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006.

L-iskadenza għall-applikazzjoni għas-sussidji mill-2011 sal-2013 hija stabbilita fid-Deċiżjoni għall-istedina tal-applikazzjonijiet għas-sussidji mill-Ministeru għall-Agrikoltura, in-Natura u l-Kwalità tal-Ikel (ippubblikata kull sena mis-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-innovazzjoni) (Ara wkoll l-Artikolu 1(3) dwar l-Iskema għas-Sussidji mill-Ministeru għall-Agrikoltura, in-Natura u l-Kwalità tal-Ikel). Id-Deċiżjonijiet huma ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. It-titlu ta' referenza għall-2011 huwa kif ġej: Id-Deċżjoni għall-istedina tal-applikazzjonijiet għas-sussidji għall-2011 lill-Ministeru għall-Agrikoltura, in-Natura u l-Kwalità tal-Ikel; il-perjodu tal-applikazzjoni għall-IRE fl-2011 għandu jkun mill-1 ta' April sat-13 ta' Mejju. Id-Deċiżjoni tista' tistabbilixxi l-intensità tal-għajnuna għal anqas minn 40 % tal-investimenti eleġibbli.

Idħol fis-sit elettroniku "http://wetten.overheid.nl/zoeken/"

Ikklikkja fuq il-kaxxi mmarkati "wetten" u "in de titel", imbagħad ittajpja "Kaderwet LNV-subsidies"

Ikklikkja fuq il-kaxxi mmarkati "ministeriële regelingen" u "in de titel", imbagħad ittajpja "Regeling LNV-subsidies"

---

**Għajnuna Nru:** SA.32064 (2010/XA)

**Stati Membri:** Il-Belġju

**Reġjun:** Vlaanderen

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Bio zoekt Boer

**Bażi legali:** Ministerieel Besluit tot toekenning van een subsidie aan BioForum Vlaanderen vzw voor het project „Biolandbouw & agrobiodiversiteit" (ara d-dokument mehmuż).

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 0,0379 miljun

**Intensità massima tal-għajnuna:** L-intensità massima tal-għajnuna hi ta' 100 % tal-ispejjeż ippruvati tal-proġett sottomess għall-għajnuna.

**Data tal-implimentazzjoni:** L-għajnuna mhux ser tingħata sakemm tiġi ffirmata d-deċiżjoni tal-għajnuna mill-Ministru u jiġu impenjati l-approprjazzjonijiet tal-baġit (nofs Diċembru 2010). Irid ikun applikat il-prinċipju 'ta' sospensjoni'.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** L-għajnuna ser tingħata għall-2011 (mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 inkluż).

**Għan tal-għajnuna:**

L-għajnuna ser tingħata lil BioForum Vlaanderen vzw għall-attivitajiet li ġejjin:

(1) il-kwantifikazzjoni tal-impatt tas-settur organiku Fjamming fuq l-għanijiet ta' bijodiversità ta' Fjandri.

(2) min-naħa waħda, il-qsim tal-għarfien dwar il-promozzjoni tal-agri-bijodiversità fil-biedja organika u min-naħa l-oħra, l-użu tal-għarfien tas-settur organiku biex tiġi żgurata agri-bijodiversità akbar fis-settur agrikolu inġenerali

(3) l-iżvilupp ta' politiki ġodda u/jew l-aġġustament tal-politiki eżistenti sabiex tkun stimulata aktar l-agri-bijodiversità.

Il-miżura tal-għajnuna taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. L-għajnuna tista' tkopri 100 % tal-ispejjeż li ġejjin:

L-Artikolu 15(c): għajnuna dwar is-servizzi ta' konsulenza pprovduti minn partijiet terzi;

L-Artikolu 15(d) dwar l-organizzazzjoni ta' forums u l-parteċipazzjoni fihom għall-qsim tal-għarfien bejn in-negozji, il-kompetizzjonijiet, il-wirjiet u l-fieri

Il-proġett ma jipprovdix għajnuna għar-reklamar.

Se titħares il-konformità mal-paragrafi kollha tal-Artikolu 15.

**Settur jew setturi benefiċjarji:**

Il-biedja organika

L-għajnuna ser tingħata biss lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Departement Landbouw en Visserij
Afdeling Duurzame Landbouwontwikkeling
Koning Albert II-laan 35, bus 40
1030 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**Indirizz tal-Internet:**

http://lv.vlaanderen.be/nlapps/docs/default.asp?id=1914

**Informazzjoni oħra:** —

Jules VAN LIEFFERINGE
*Secretaris-generaal*

---

**Għajnuna Nru:** SA.32065 (2010/XA)

**Stati Membri:** Il-Belġju

**Reġjun:** Vlaanderen

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Ketenontwikkeling BioForum Vlaanderen

**Bażi legali:** Ministerieel Besluit tot toekenning van een subsidie aan BioForum Vlaanderen vzw voor het project „Ketenontwikkeling BioForum Vlaanderen (ara d-dokument mehmuż)".

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 0,095 miljun

**Intensità massima tal-għajnuna:** L-intensità massima tal-għajnuna hi ta' 100 % tal-ispejjeż ippruvati tal-proġett sottomess għall-għajnuna. L-ispejjeż ġenerali mhumiex eleġibbli għal sussidju.

**Data tal-implimentazzjoni:** L-għajnuna mhux ser tingħata sakemm tiġi ffirmata d-deċiżjoni tal-għajnuna mill-Ministru u jiġu impenjati l-approprjazzjonijiet tal-baġit L-iskema għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2011. Irid ikun applikat il-prinċipju 'ta' sospensjoni'.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** L-għajnuna ser tingħata għall-2011 (mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2011 inkluż).

**Għan tal-għajnuna:**

L-għajnuna ser tingħata lil BioForum Vlaanderen vzw bil-għan li tagħmel eżami tas-suq, tappoġġja s-servizzi tal-ikel, tissorvelja x-xejriet tas-suq u taġġorna u twettaq ir-riċerka tas-suq kif ukoll tipprovdi komunikazzjoni ralatata ma' dawn.

L-għajnuna se tingħata skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. L-għajnuna tista' tkopri 100 % tal-ispejjeż li ġejjin:

L-Artikolu 15(c): għajnuna dwar is-servizzi ta' konsulenza pprovduti minn partijiet terzi;

L-Artikolu 15(d) dwar l-organizzazzjoni ta' forums u l-parteċipazzjoni fihom għall-qsim tal-għarfien bejn in-negozji, il-kompetizzjonijiet, il-wirjiet u l-fieri;

L-Artikolu 15(2)(e): għajnuna għal informazzjoni fattwali dwar is-sistemi ta' kwalità li japplikaw għall-prodotti minn pajjiżi oħrajn, dwar il-prodotti ġeneriċi u dwar il-benefiċċji ta' nutriment tal-prodotti ġeneriċi u suġġerimenti għall-użu tagħhom;

L-Artikolu 15(2)(f): għajnuna għal pubblikazzjonijiet bħal katalgi jew siti tal-internet li jippreżentaw informazzjoni fattwali dwar il-produtturi li ġejjin minn ċertu reġjun jew dwar il-produtturi li jipproduċu ċertu prodott, dejjem jekk l-informazzjoni u l-preżentazzjoni jkunu newtrali u l-produtturi kollha kkonċernati jkollhom opportunitajiet indaqs għar-rappreżentanza fil-pubblikazzjoni. L-għajnuna se tingħata biss għal attivitajiet u għal materjal informattiv li ma jkun fihom ebda referenza għall-oriġini tal-prodott.

Il-proġett ma jipprovdix għajnuna għar-reklamar.

Se titħares il-konformità mal-paragrafi kollha tal-Artikolu 15.

**Settur jew setturi benefiċjarji:**

Biedja organika

L-għajnuna ser tingħata biss lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Departement Landbouw en Visserij
Afdeling Duurzame Landbouwontwikkeling
Koning Albert II-laan 35, bus 40
1030 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**Indirizz tal-Internet:**

http://lv.vlaanderen.be/nlapps/docs/default.asp?id=1914

**Informazzjoni oħra:** —

Jules VAN LIEFFERINGE
*Secretaris-generaal*

---

**Għajnuna Nru:** SA.32067 (2010/XA)

**Stati Membri:** Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Reġjun:** Schleswig-Holstein

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Entschädigung für Legehennen in Beständen mit Salmonellen-Befund

**Bażi legali:**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tas-17 ta' Novembru 2003 (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1)

2. Verordnung zum Schutz gegen bestimmte Salmonelleninfektionen beim Haushuhn (Hühner-Salmonellen-Verordnung) vom 6. April 2009 (BGBl. I S. 752), zuletzt geändert durch Artikel 7 der Verordnung vom 18. Dezember 2009 (BGBl. I S. 3939)

3. Leitlinien zum Schutz schleswig-holsteinischer Legehennenbestände vor dem Eintrag und der Verbreitung von Salmonellen der Typen S. enteritidis und S. typhimurium

4. Richtlinien für die Gewährung von Beihilfen zur Bekämpfung von Salmonellen in Legehennenbeständen (Legehennen-Salmonellen-Beihilfe-Richtlinien)

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 130 000

**Intensità massima tal-għajnuna:** 50 %

**Data tal-implimentazzjoni:** Din l-għajnuna ser tingħata minn x'ħin tiġi ppubblikata l-informazzjoni fil-qosor dwar l-iskema tal-għajnuna fuq l-internet.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2011

**Għan tal-għajnuna:**

Salmonellosis hija elenkata fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE.

L-eżenzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 10(2) tar-regolament (KE) Nru 1857/2006 tat-TFUE

L-iskop tal-miżura huwa biex tikkumpensa għal nofs il-valur tas-suq tal-annimali li jkunu nqatlu minħabba infezzjonijiet tas-salmonella indentifikati uffiċjalment skont il-linji gwida.

**Settur jew setturi benefiċjarji:**

L-Agrikoltura

Is-sidien tat-tiġieġ li jbidu li huma eleġibbli għall-għajnuna huma l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Ministerium für Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume Schleswig-Holstein
Mercatorstraße 3
24106 Kiel
DEUTSCHLAND

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.schleswig-holstein.de/cae/servlet/contentblob/954314/publicationFile/Beihilfe_Salmonellen_RiLi_2011_Freist.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

Birgitt FAIK